**26 ta' Ottubru, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Marianna Fenech et.

*versus*

Carmelo Borg et.

Deċiża fil-meritu b'sentenza tal-11 ta' Ġunju 1962 (ara wkoll sentenza oħra ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru 1960, publikata).

**Provi — Xhieda — Ittri Rogatorjali — Perit Ġudizzjarju.**

*Ladarba f'kawża jiġi nominat perit ġudizzjarju bil-fakoltà li jisma x-xhieda u jiġbor il-provi kollha meħtieġa, ma għandhomx jiġu ammessi, wara li huwa jkun ippreżenta r-relazzjoni tiegħu, dawk il-provi li ma jkunux saru u ma jkunux ġew prodotti quddiemu; salvi l-eċċezzjonijiet kontemplati mill-liġi, bħal meta si tratta minn xi xhud li bil-mezzi legali ma setgħax jiġi prodott quddiem il-perit, jew bħal meta n-neċessità jew utilità tax-xhud tinħass wara l-preżentata tar-relazzjoni tal-perit.*

*Xejn ma jiswa li x-xhieda li tkun trid tinġieb tkun indispensabbli; għaliex qabel kollox trid tkun ammissibbli skond il-liġi.*

*Lanqas jiswa l-fatt li x-xhud ikun ġie dikjarat; għax dan il-fatt ifisser biss illi mingħajr dik id-dikjarazzjoni x-xhud ma jistax jinstema affattu, u mhux illi jista' jiġi prodott fi kwalunkwe waqt tal-kawża.*

*U anqas u anqas hu validu l-argument ta' waħda mill-partijiet li trid tipproduċi x-xhud, fis-sens illi x-xhud kien imsiefer, u billi hija kienet taħseb illi r-relazzjoni kienet sejra tkun favorevoli għaliha, kienet ġustifikata ma tinsistix għas-smiegħ tax-xhud b'ex tevita l-ispejjeż tar-rogatorji.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina

fl-10 ta' *Marzu* 1955, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi Carmelo Borg u Vincenzo Borg, fl-24 ta' Settembru 1953, għall-ħabta tas-siegħa (1 p.m.), b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, meta kienu qegħdin jagħmluha ta' driver u konduttur rispettivament tax-char-a-banc numru 3359 fl-Għadira, limiti tal-Mellieħa, naqsu jiżguraw li x-char-a-banc tkun wieqfa u ma tiċċaqlaqx waqt li l-attriċi kienet nieżla mix-char-a-banc, bir-riżultat li waqgħet u sofriet feriti ta' natura gravi li kkaġunawlha debilitazzjoni permanenti tar-riġel tal-lemin; *u li in konsegwenza* tal-premess l-attriċi *sofriet danni rilevanti, sija bħala "damnum emergens" sija* bħala "lucrum cessans", kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbet li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi dak l-ammont li jiġi fissat minn dik il-Qorti, okkorrendo per opera ta' periti, in rifużjoni tad-danni fuq imsemmija. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti; liema konvenuti għandhom jibqgħu nġunti għas-subizzjoni;

Rat ir-rikors preżentat fl-10 ta' Diċembru 1958 mill-konvenuti quddiem dik *il-Qorti*, li bih talbu li tissospendi l-proċeduri u tordna li Christina Borg, il-lum Galea, attwalment imsiefra, tinstama' per mezz ta' proċedura rogatorjali;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ġunju 1959, li bih ċaħdet it-talba dedotta f'dak ir-rikors, bl-ispejjeż relattivi għall-inċident kontra l-konvenuti; wara li kkunsidrat;

*Illi l-imsemmija Cristina Borg ġiet mill-konvenuti* ndikata fid-dikjarazzjoni bħala waħda mix-xhieda tagħhom;

Illi b'digriet tal-21 ta' Ġunju 1956 din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. John Pullicino bħala perit legali, u tagħtu s-setgħat kollha li soltu jingħataw lill-periti, flimkien mal-fakoltà li jisma' x-xhieda, u kwindi li jiġbor il-provi kollha meħtieġa; u billi l-ġudizzju tal-perit jiddependi mill-provi, ma għandhomx jiġu ammessi dawk il-provi li ma jkunux saru u ġew prodotti quddiemu, salvi

l-eċċezzjonijiet kontemplati fl-art. 679 tal-Proċedura Ċivili, b'riferenza għall-art. 206 tal-istess Kodiċi;

Illi, però, ebda waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet ma tirriżulta fil-każ tagħna. Del resto, il-konvenuti ma ppruvawx li huma ma setgħux, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġibu lil Cristina Borg bħala xhud; għaliex huma kienu jistgħu, kif qegħdin jagħmlu l-lum, jitolbu li tinstama' bil-proċedura rogatorjali. Lanqas jista' jingħad li d-depożizzjoni tax-xhud hija meħtieġa jew utili għall-kawża; għaliex in-neċessità jew utilità ta' din il-prova, skond il-ġudisprudenza, trid tkun avverat ruħha wara l-preżentazzjoni tar-rapport peritali (P.A. 1.12.1958 in re "Mizzi vs. Attard"), kif, f'każ ta' appell, wara s-sentenza tal-prim'istanza (Kollez. XXXV-I-106); mentri fil-każ in eżami l-prova ta' Cristina Borg, bħala xhud okulari, kienet neċessarja jew utili sa mill-bidu tal-kawża, u ma saretx tali l-lum, wara l-preżentata tar-rapport;

Illi ma jiswiex dak li sossometta d-difensur tal-konvenuti fit-trattazzjoni orali, jiġifieri li l-importanza deċiżiva ta' dina l-prova tirrendi ndispensabbli l-produzzjoni tagħha; għaliex qabel xejn hija trid tkun ammissibbli skond il-liġi, u f'dan il-każ, in vista' ta' dak li ntqal, din il-prova mhix legalment permessa;

Illi, barra minn dan, id-dewmien tal-konvenuti ma jinsabx legalment ġustifikat u jikkostitwixxi fih innifsu ostakolu għat-talba tagħhom, wisq aktar in vista tal-oppożizzjoni tal-attriċi (v. Halsbury, "Laws of England", Vol. XIII, paragrafu 850, Hailsham Edition; u "Empire Digest", Vol. XXII, page 566, paragrafi 6443, 6447 u 6448, 1953 edition);

Rat ir-rikors li bih il-konvenuti appellaw minn dak id-digriet u talbu illi jiġi revokat, billi tiġi ammessa l-produzzjoni tal-imsemmija xhud Cristina Borg, il-lum Galea, u jiġi ordnat is-smigħ tagħha per mezz tal-proċedura rogatorjali; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi relattivi għall-inċident kontra l-atturi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

L-ewwel ilment tal-appellanti huwa illi, ġa ladarba l-isem tax-xhud in kwistjoni kien imniżżel fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom, allura dik ix-xhud kienet produċibbli fi kwalunkwe waqt tal-kawża. Dan l-ilment hu manifestament infondat. L-indikazzjoni tal-isem tax-xhud fid-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eċċezzjonijiet kienet rikjesta skond l-art. 158(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, biex dik ix-xhud setgħet tinstama' affattu fil-kawża; għaliex, skond is-sub-artikolu (7) ta' dak l-istess artikolu, xhieda li isimhom ma jkunx ġie hekk indikat, normalment, ma jistgħux jiġu prodotti xejn, ħlief fil-każijiet eċċezzjonali hemm imsemmija. Iżda dak l-artikolu ma għandux x'jaqsam mal-istadju tal-kawża li fih xhud hekk indikat għandu jiġi prodott; liema stadju hu regolat minn dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi;

Anqas u anqas hu attendibbli t-tieni argument tal-appellanti, fis-sens illi huma "kellhom raġunijiet jaħsbu illi r-relazzjoni tal-perit sejra tkun favorevoli għalihom, u kwindi kienu ġustifikati jevitaw l-ispiża rilevanti tar-rogatorji". Jgħodd għal dan l-argument dak li qalet din il-Qorti fil-kawża "Saċ. Michele Zammit vs. Can. A. Tabone et." (Kollez. Vol. XXIV-I-237), ċjoè illi "a stabilire il momento in cui il litigante fosse stato nel dovere di produrre la prova, è necessario rapportarsi all'istante nel quale fosse sorto in lui l'interesse di fare quella prova, indipendentemente dalla sua opinione circa la rilevanza o l'efficacia della prova medesima, siccome le leggi d'ordine pubblico non ammettono estensione o restrizione nella loro applicabilità da motivi d'indole privata e singolare". Ovvjament, l-interess u d-dmir tal-appellanti kien li jipproduċu x-xhud, per mezz tal-proċedura approprjata, quddiem il-perit li kien inkarigat biex jirrelata fuq it-talba kontra tagħhom u mogħti s-setgħa għal dan l-iskop li jisma' l-provi;

Għal din ir-raġuni ma jistax jingħad, kif jippretendu l-appellanti, illi n-neċessità li tinstemgħa din ix-xhud inqalgħet wara r-relazzjoni tal-perit. Jekk ġara hekk, dan

kien sempliċement għaliex l-appellanti, li kienu jafu bix-xhud sa mill-bidu nett, għoġobhom jieħdu r-riskju u ma jipproduċuwhiex quddiem il-perit meta messhom. Lanqas hu eżatt dak li jgħidu l-appellanti, illi l-perit esprima d-dubju tiegħu dwar il-konklużjoni li wasal għaliha. Dak li hu veru hu biss illi l-perit sab is-soluzzjoni tal-kwistjoni preżentata miż-żewġ partijiet diffiċli, bħala li kienet tiddependi mill-kredibbilità li kienet tistħoqqilha kull waħda mill-versjonijiet. Anki dan, però, jekk ġara, kien dovut sempliċement għall-fatt li l-appellanti naqsu li jġibu quddiem il-perit il-prova li, kieku ġiebuha, kienet appuntu, kif jippretendu huma, tnaqqas jew tneħħi d-diffikultà tas-soluzzjoni tal-kwistjoni;

Issa, il-liġi, fl-art. 679 tal-Kodiċi fuq imsemmi, hija kategorika, fis-sens illi, meta l-perit ikollu s-setgħa li jeżamina xhieda, "no further witness on the subject-matter of the reference shall be admissible before the Court except in the cass as provided . . . . . in paragraphs (a) (b) and (d) of section 206". L-eċċezzjoni kontemplata fil-paragrafu (a) ma tirrikorrix, għax il-parti l-oħra anzi opponiet il-produzzjoni tax-xhud f'dan l-istadju. Lanqas tirrikorri l-eċċezzjoni tal-paragrafu (b), għax l-appellanti kienu mill-bidu jafu bix-xhud u setgħu, bl-istess proċedura li jridu issa. iġibuha l-quddiem il-perit. Tibqa', għalhekk, l-eċċezzjoni kontemplata fil-paragrafu (d), li tippermetti l-produzzjoni ta' xhud meta l-Qorti hi ta' fehma illi x-xhieda hi neċessarja jew utili;

Issa, apparti kull raġuni oħra, huwa ċar illi dik id-dispożizzjoni, in kwantu tagħti diskrezzjoni lill-Qorti li tippermetti l-produzzjoni ta' xhieda altrimenti mhux produċibbli, "għall-konvinzjoni morali tagħha", kif jingħad, tirriferixxi għall-Qorti li għandha quddiemha u sejra tiddeċidi l-meritu. Din hi diskrezzjoni minn natura tagħha nterament soġġettiva, eżerċibbli eċċezjonalment; u din il-Qorti — dejjem apparti kull raġuni oħra — ma tistax f'dan l-istadju tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Ewwel Qorti, li quddiemha qegħdha l-kawża;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell, u fis-

sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma d-digriet appellat; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.